**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**DR. DAVID FABRI**
**DR. ANTOINE NAUDI**

**Illum 15 ta' Jannar 2016**

**Rikors Numru 53/2015**

**Joseph Ellul**

**Vs**

**Kummissarju tal-Pulizija u Ministru ghall-Intern u s-Sigurta` Nazzjonali**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Joseph Ellul**ipprezentat fl-20 ta' Awissu 2015 li permezz tieghu ippremetta s-segwenti:-

*"Illi l-esponenti kienet inharget lilu l-licenzja sabiex huwa jkun jista' jaqdi dmirijiet bhala Gwardjan Privat u dan fis-sena 2009 u hadem bl-istess tul diversi snin u dan kif jirrizulta mic-certifikat mahrug mil-ETC liema certifikat qieghed jigi anness bhala Dok A.*

*Illi nhar il-25 ta' Marzu 2015 huwa gie misjub hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u cioe` li kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina u r-raza tal-kannabis u kien gie kkundannat ihallas multa ta' sebgha mija u hamsin ewro (€750) oltre l-ispejjes involuti fl-istess procedimenti u dan kif irrizulta mill-kopja ta' l-istess immarkata Dok B.*

*Illi meta l-esponenti talab lil Kummissarju sabiex igeddidlu l-licenzja debitament mahruga lilu, huwa, permezz ta' ittra datata 16 ta' Gunju 2015 bir-referenza PG/292/2009- kopja hawn annessa mmarkata bhala Dok C, filwaqt li ghamel ampja referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati sofra citata, rrifjuta milli jgedidlu l-*

*licenzja u filwaqt li rtiralu l-istess, ordnalu jirritorna l-karta ta' l-identita` ta' Gwardjan Privat.*

*Illi l-esponenti hass ruhu aggravat mill-imsemmija decizjoni tal-Kummissarju u minnha ntavola appell quddiem il-Ministru tal-Intern u s-Sigurta Nazzjonali, liema document qieghed jigi anness bhala Dok D.*

*Illi permezz ta' ittra datata 31 ta' Lulju 2015, l-esponenti gie nformat li t-talba tieghu ma gietx milqugha mill-Ministru u dan if jirrizulta mid-dokument hawn anness mmarkat Dok E.*

*Illi l-esponenti hass ruhu aggravat mill-imsemmija decizjoni tal-Kummissarju. L-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:*

1. *Illi bid-dovut rispett, minn imkien mil-Kap 389 tal-Ligijiet ta' Malta ma jirrizulta illi l-kaz fejn persuna tinstab hatja ta' pusses ta' droga, hi ta' liema natura li tkun, ghal uzu personali taghha, ma hu wiehed minn dawk l-istanzi fejn applikant m'ghandhux jinghata l-licenzja.*

*Illi l-Kummissarju tal-Pulizija, meta ddecieda li ma jgeddidx il-licenzja ta' l-esponenti, bbaza d-decizjoni tieghu fuq l-artikolu 10 (a)(i) tal-Kap 389 li jistipola illi:*

> *Il-Kummissarju ghandu jirrifjuta applikazzjoni f'kull wahda mic-cirkostanzi li gejjin: (a) meta l-applikant jew xi ufficjal tal-applikant jew persuna ohra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jigu provduti mill-applikant – (i) tkun instabet hatja f'Malta jew x'imkien iehor ta' xi delitt kontra s-sigurta` tal-istat, jew ta' omicidju volontarju jew ta' offiza gravi fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra l-propjeta` aggravat bl-ammont li jeccedi elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) jew bil-vjolenza jew ta' xi delitt kontra l-fiducja pubblika jew ta' xi delitt gravi iehor; jew*

*Illi fir-rigward ta' dan l-artikolu ghandu jigi osservat is-segwenti;*

a) *Illi dan l-artikolu huwa wiehed li ma jippermetti u ma jghati lok ghal ebda interpretazzjoni u jitkellem dwar l-applikant. Illi f'dan l-istadju, l-appellant ma hux applikant fis-sens ta' applikant ghall-ewwel darba izda huwa talab li tigi mgedda l-licenzja li dwarha kienet giet intavolata l-applikazzjoni. Illi ghalhekk dan l-artikolu ma hux applikabli u ma seta' qatt jintuza bhala bazi li twassal ghal konkluzjoni ta' nuqqas ta' tigdid ta' licenzja gia mahruga u operattiva.*
b) *Illi wkoll, il-kazijiet li dan is-subartikolu jsemmi fejn l-applikant ma ghandux tinhariglu l-licenzja huma specifici u partikolari u limitati ghal:*
    - *Kaz fejn persuna kommettiet omicidju volontarju*
    - *Kaz fejn ferita gravi fuq il-persuna giet kkawzata konsegwenza ta' att volontarju*
    - *Kwalunkwe reat fuq il-propjeta` ta' terzi kif kwalifikat bil-valur*
    - *Reat fuq il-propjeta` ta' terzi aggravat bi vjolenza*
    - *Kwalunkwe reat li jmur kontra l-fiducja pubblika*
    - *Reati serji ohra*

    *Illi kwantu jirrigwarda l-akkuza dedotta fil-konfront ta' l-esponenti, u li taghha nstab hati, indubbjament ma taqa' taht l-ebda wahda mil-ewwel hames punti. L-*

*anqas, fl-opinjoni ta' l-esponenti ma tista' tinkwadra ruha taht l-ahhar u cioe` is-sitt kap.*

*Il-fatt li persuna tinsab hatja ta' pussess personali ta' sustanza bhal ma' hi d-droga jew kannabis, ghal uzu personali, bhal ma' hu fil-kaz odjern, ma jistghax jitqies bhala reat serju. Dan qed jigi sottomess invista tal-fatt:*

I. *Illi tul dawn l-ahhar xhur u qabel il-25 ta' Marzu 2015, is-socjeta` civili bdiet titkellem dwar il-htiega li certa droga u l-uzu personali ghandu jigi liberalizzat jew ghal anqas mhux punit.*
II. *Illi wkoll, u dan bl-ebda disrispett, hija l-prassi ta' diversi Awli ohra fil-Qorti taghna, illi meta si tratta kaz ta' uzu personali, u b'mod partikolari meta din tkun l-ewwel okkazjoni, bhal ma hu l-kaz odjern, il-piena tkun wahda projbitorja bil-kundizzjoni li ma jsirx reat iehor fi zmien stipulat.*

*Illi ghaldaqstant, l-artikolu 10(a) (i) bl-ebda mod ma jiggustifika d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija li permezz taghha naqas milli jerga' jgedded licenzja gia mahruga u operattiva.*

c) *L-anqas ma hu l-kaz li tali licenzja ma tigix imgedda a bazi tas-subartikolu 10 (b) tal-Kap 389. Illi dan is-subartikolu, filwaqt li jghati diskrezzjoni lil Kummissarju meta jghati l-kunsens tieghu ghal hrug ta' licenzja (u mhux tigdid ta' licenzja), din id-diskrezzjoni hija limitata fis-sens illi huwa jista' jirrifjuta biss jekk fl-opinjoni tieghu huwa fl-interess publiku li jirrifjuta l-hrug ta' tali licenjza (mhux li jgedded wahda gia mahruga).*

*Illi fil-kaz odjern, il-fatt li persuna ghamlet jew kellha fil-pussess taghha sustanza ta' droga ghal uzu taghha, zgur li bl-ebda finzjoni ta' l-immaginazzjoni ma jista' jigi meqjus bhala xi haga li taqa' fil-parametri ta' 'interess pubbliku'.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti, filwaqt li jgib il-fuq espost a formali konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Tribunal, filwaqt li jghamel referenza ghal provi prodotti u jirrizerva li jipproduci dawk il-provi l-ohra, jitlob bir-rispett jghogbu jhassar u jikkancella d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija tas-16 ta' Gunju 2015 kif ikkonfermata permezz ta' decizjoni tal-Ministru ghall-Intern u s-Sigurta` Nazzjonali tal-31 ta' Lulju 2015 u jordna illi tigi mgedda l-licenzja lilu koncessa."*

Ra r-risposta tal-**Kummissarju tal-Pulizija u l-Ministeru ghall-Intern u s-Sigurta` Nazzjonali** ipprezentata fl-14 ta' Settembru 2015 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

"

1. *Illi in linea preliminarjament, l-esponenti jissottomettu li l-azzjoni odjerna hija tardiva u dan peress li saret fuori termini x-xahar stabbilit fl-Artikolu 11 (3) tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta, għaldaqstant dan l-Onorabbli Tribunal m'għandux jieħu konjizzjoni ta' dan l-appell.*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u in linea preliminari wkoll, il-Ministru għall-Intern u s-Sigurta Nazzjonali ma huwiex il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri stante li d-deċiżjoni dwar jekk ir-rikorrent għandux jingħata liċenzja ta' Gwardjan Privat jew le ma hijiex kompetenza tiegħu u b'hekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.*

3. *Illi għal kull buon fini, l-esponent jirrileva illi ma ġietx annessa lista ta' xhieda kif trid il-liġi flimkien mar-rikors promotur.*

4. *Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għal premess, l-esponent jeċċepixxi illi t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fid-dritt u fil-fatt, u dan għaliex għall-kuntrarju ta` dak li qed jingħad mir-rikorrenti fir-rikors promotur, kien hemm raġunijiet validi u b'saħħithom biżżejjed sabiex jiġġustifikaw id-deċiżjoni ta` l-istess esponent li ma jġedidx il-liċenzja ta` gwardjan privat lir-rikorrent, kif fil-fatt se jkun muri u spjegat aħjar tul it-trattazzjoni ta` dan ir-rikors.*

5. *Illi fil-25 ta' Marzu 2015, ir-rikorrent instab ħati talli fit-28 ta' Lulju 2007 u matul it-tnax-il xahar ta' qabel din id-data, huwa kellu fil-pussess tiegħu id-droga kokajina kif ukoll ir-raza meħuda mill-pjanta cannabis.*

6. *Illi kuntrarjament għal dak pretiż mir-rikorrent, ir-reat ta' pussess ta' droga, ir-reat li tiegħu nstab ħati u li għalih ġie ikkundanat, huwa delitt gravi li jaqa' appuntu taħt l-applikazzjoni tal-Artikolu 10 (a) (i) tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta.*
7. *Illi l-interpretazzjoni da parti tar-rikorrent tal-Artikolu 10 (a) (i) tal-Kap 389 – fis-sens illi r-reat ta' pussess ta' droga ma huwiex reat gravi – hija għal kollox in fondata u in verita l-imsemmi artikolu ma jħalli ebda lok għal interprtazzjoni stante li huwa ferm ċar. Imbilli 'is-socjeta civili bdiet titkellem dwar il-htiega li certa droga u l-uzu personali ghandhu jigi liberalizzat jew ghal anqas mhun punit' bl-ebda mod ma jobbliga li l-Kummissarju esponent jagħlaq għajn waħda jew tnejn, aktar u aktar meta dawn id-dibatiti soċjali m'humiex riflessi fil-leġislazzjoni nostrana u għadhom biss fi stadju ta' diskussjonijiet.*

8. *Illi proċeduri ppreżentati quddiem dan l-Onoarbbli Tribunal, m'humiex proċeduri sabiex jiġu riveduti sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati jew ta' xi Qrati oħra. Hemm proċeduri appożiti għal dawk it-tip ta' proċeduri u ċioe, id-dritt li wieħed jinterponi appell quddiem il-Qorti tal-Appell. Għaldaqstant jekk ir-rikorrent ma qabilx mas-sentenza lilu mogħtija fil-25 ta' Marzu 2015, huwa kellu kull dritt li jappella minn dik is-sentenza, iżda huwa naqas milli jagħmel hekk. Għalhekk bid-dovut rispett dan il-fatt ma jistax jintuża bħala xi forma ta' ħasra li din l-Onorabbli Tribunal għandha tagħti lir-rikorrent.*

9. *Illi ir-rikorrent huwa skorrent meta jgħid li l-artikolu 10 japplika biss għal applikazzjonijiet li jsiru għall-ewwel darba. Artikolu 12 (1) (a) tal-Kap 389 itenni illi l-liċenzja maħruga għal gwardjan privat tkun valida għal perjodu ta' sena mid-data tal-ħruġ tagħha. Jeħtieġ li qabel l-iskadenza tal-liċenzja, id-detentur tal-liċenzja għandu jattendi 'refreshers course', kif fil-fatt għamel ir-rikorrent. Magħdud ma dan m'hemm l-ebda dritt awtomatiku illi liċenzja tiġi mġedda minn sena għall-oħra tant hu hekk li Artikolu 13 (1) jaqra hekk:*

*Meta d-detentur ta' liċenza ma jimxix skont xi waħda mill-patti jew kundizzjonijiet li taħthom tkun inħarġet il-liċenza jew jinqalgħu ċirkostanzi li kienu jiġġustifikaw li applikazzjoni għal dik il-liċenza kienet tkun miċħuda, <u>il-Kummissarju jista' jew jirtira jew jissospendi dik il-liċenza.</u> (enfażi miżjud)*

*Jekk jinbidlu ċirkostanzi waqt li wieħed ikun fil-pussess tal-liċenzja, l-esponent Kummissarju għandu kull setgħa li jirtira jew jissospendi dik il-liċenzja. Għaldaqastant huwa inverosimili li l-artikolu 10 ma japplikax għal tiġdid ta' liċenzji.*

10. *Illi mingħajr preġudizzju għal provi li ser jinġiebu fil-mori tar-rikors u l-eventwali trattazzjoni, mill-qari ta' l-artikolu jingħad illi Artikolu 10 (a) (i) tal-Kap 389 ma jagħtix setgħa diskrezzjonarja lill-Kummissarju tal-Pulizija, iżda **<u>jimponi obbligu fuq il-Kummissarju</u>** li jirrifjuta ħruġ jew it-tiġdid ta` liċenzja jekk tkun tissussisti sitwazzjoni taħt is-subartikoli 10(a)(i) sa (vi) ta` l-istess Kapitolu 389 u dan b'differenza li kieku r-rifjut ingħata fuq il-bazi ta` l-interess pubbliku waħdu (ai termini tas-subartikolu 10(b) tal-Kapitolu 389), fejn il-Kummissarju tal-Pulizija jgawdi diskrezzjoni.*

11. *Illi f'dan il-każ il-leġislatur ried illi persuni li jkunu nsabu ħatja ta' reati ta' ċertu gravita ma għandhomx jiġu mħollija jagħmlu x-xogħol ta' gwardjan privat, u dan minħabba n-natura sensittiva ta' dan ix-xogħol, u l-ħtieġa li gwardjan privat għandu jkun persuna b'karattru affidabbli.*

12. *Illi mingħajr prġudizzju għas-suespost, dan l-Onorabbli Tribunal diġa kellu diversi okkażjonijiet jirrevedi d-deċiżjonijiet mogħtija mill-esponent rigward l-applikabbilita tal-Artikolu 10 (b) fil-konfront ta' pussess ta' droga. Fid-deċiżjoni **Carl Grima vs. Kummissarju tal-Pulizija** mogħtija minn dan l-Onorabbli Tribunal diversament preseduta fil-25 ta' Settembru 2012 ikkunsidrat illi 'Indipendentement mill-piena eventwali li giet inflitta fuq ir-Rikorrent ghar-reat minnu ex admissis imwettaq, it-Tribunal hu tal-fehma li fid-dawl tan-natura ta' l-agir tar-Rikorrent f'dik ic-cirkostanza l-Kummissarju tal-Pulizija kien gustifikat f'li jikkonsidra li l-istess Rikorrent ma huwiex ta' karattur affidabbli tali li jirrendih idoneju ghax-xoghol imwettaq minn Gwardjan Privat u ghaldaqstant li ma huwiex fl-interess pubbliku li tinhariglu Licenzja ta' Gwardjan Privat'.*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponent qiegħed bl-akbar rispett jadixxi lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jiċħad it-talbiet tar-rikorrent fl-interita` tagħhom bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent."*

Ra id-dokumenti esebiti;

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet dwar l-ewwel eccezzjoni tal-intimati;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghal sentenza dwar l-istess eccezzjoni.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Kummissarju intimat datata 16 ta' Gunju 2015 li kienet tghid is-segwenti:-

*"B'refernza ghat-tigdid ghal-licenzja tieghek ta' Gwardjan Privat, ghandi ninfurmak illi t-talba ghat-tigdid ma tistax tigi milqugha u dan in vista tal-fatt illi inti gejt misjub hati ta' reat u ghalhekk ghandu jkun hemm rifjut ai termini ta'l-artikolu 10 (a)(i) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukoll minhabba ragunijiet ta' ordni pubbliku skont l-Art. 10 (b) tal-Kap 389.*

*Ninfurmak ukoll, illi jekk inti jidhirlek li ghanda tinhareg licenzja f'ismek, inti tista' tappella minn din id-decizjoni, billi fi zmien xahar kalendarju minn meta tircievi dan l-avviz, tipprezenta rikors quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva u dan skont id-disposizzjonijiet ta' l-Artiklu 11 (3) tal-Kap 389 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ngharfek ukoll illi minhabba dan, il-licenzja tieghek qieghda tigi rtirata ai termini ta' l-Artikolu 13 tal-Kapitolu 389. Inti mitlub tirritorna l-karta ta' l-identita ta' Gwardjan Privat fl-ufficju taghna fi zmien gimgha mid-data ta' l-ittra.*

*Jekk inti jidhirlek illi m'hemmx lok ghall-irtirar tal-licenzja tieghek, ghandek dritt tappella bil-miktub lill-Ministru tal-Intern u s-Sigurta Nazzjonali fi zmien xahar kalendarju minn meta tircievi din l-ittra, u dan ai termini ta' l- Artikolu 13 tal-Kapitolu 389."*

Illi sussegwentement, u cioe` fl-20 ta' Awissu 2015, ir-rikorrent intavola l-appell odjern.

Illi l-intimati, permezz tal-ewwel eccezzjoni taghhom jeccepixxu li l-appell odjern huwa wiehed tardiv u dana peress li sar oltre x-xahar stabbilit fl-artikolu 11 (3) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi c-citat artikolu jghid is-segwenti:-

*"Meta jirċievi liċenza jew l-avviż ta' rifjut, l-applikant jista', fi żmien xahar kalendarju minn meta jkun irċevih, jagħmel rikors fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva skont l-artikolu 15 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva fejn jitolbu li xi patti jew kundizzjonijiet marbutin ma' dik il-liċenza għandhom jitneħħew jew jinbidlu, jew f'każ ta' rifjut, li tinħareġ il-liċenza u wara dan id-dispożizzjonijiet tal-imsemmi Att għandhom japplikaw għall-proċedimenti quddiem l-imsemmi Tribunal u għal kull appell minn xi deċiżjoni tiegħu."*

Illi minn harsa lejn l-ittra datata 16 ta' Gunju 2015 mibghuta mill-Kummissarju intimat lir-rikorrent, u citata iktar 'il fuq, jirrizulta illi l-istess Kummissarju informa lir-rikorrent b'dan it-terminu.

Illi t-Tribunal josserva illi d-data ezatta minn meta beda jghaddi t-terminu su indikat ma gietx stabbilita. Pero` jirrizulta illi fid-9 ta' Lulju 2015 ir-rikorrent kien certament ircieva r-rifjut u dan ghaliex kiteb lill-Ministru intimat tramite l-avukat tieghu sabiex tigi revokata u mhassra d-decizjoni tal-Kummissarju intimat datata 16 ta' Gunju 2015.[1] Tali talba giet rifjutata permezz ta' ittra datata 31 ta' Lulju 2015 mibghuta mill-Ministru intimat fejn gie infurmat li t-talba tieghu giet ikkunsidrata u ai termini tal-artikolu 10 (b) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta ma gietx milqugha.[2] Illi fil-verita` it-Tribunal josserva illi ai termini tal-artikolu 13 (3) tal-Kapitolu 389, il-poteri tal-Ministru intimat jikkoncernaw biss id-decizjoni tal-irtirar tal-licenzja u mhux ir-rifjut tat-tigdid tal-licenzja.

Illi sussegwentement ghall-istess twegiba, ir-rikorrent intavola l-appell odjern li ghandu l-istess aggravji kotenuti fl-ittra datata 9 ta' Lulju 2015 mibghuta lill-Ministru intimat.

Illi fit-trattazzjoni orali taghha, id-difensur tar-rikorrent, irribadiet illi t-tletin gurnata sabiex jigi ntavolat l-appell odjern jibdew jghaddu mir-risposta li ntbaghet mill-Ministru intimat datata 31 ta' Lulju 2015. Min-naha l-ohra, id-difensur tal-intimati sahqet illi x-xahar kalendarju biex wiehed jappella kontra r-**rifjut tat-tigdid tal-licenzja** jibda ghaddej minn meta r-rikorrent rcieva l-ittra tar-rifjut, u fl-istess perjodu ta' xahar, wiehed jista' wkoll jappella mid-decizjoni tal-**irtirar tal-licenzja** mal-Ministru ghall-Intern u s-Sigurta` Nazzjonali.

Illi minn qari ta' artikolu 11 u artikolu 13 tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta jirrizulta illi meta l-Kummissarju intimat jirrifjuta applikazzjoni ghal tigdid ta' licenzja u fl-istess decizjoni, konsegwenzjalment, jiritra wkoll il-licenzja ezistenti, jibdew jghaddu, **b'mod parallel,** zewg termini ta' xahar kalendarju kull wiehed. Jibda ghaddej terminu ta' appell ghal quddiem dan it-Tribunal mid-decizjoni tar-rifjut tat-tigdid tal-licenzja u wkoll jibda ghaddej terminu iehor ta' xahar kalendarju sabiex isir appell quddiem il-Ministru koncernat dwar id-decizjoni tal-irtirar tal-istess licenzja.

Illi l-fatt li wiehed jappella quddiem il-Ministru koncernat bl-ebda mod ma jissospendi t-terminu tal-appell ghal quddiem dan it-Tribunal. Iz-zewg termini jibdew jiddekorru b'mod parallell u distint minn xulxin. Illi fl-ittra ta' rifjut li rcieva r-rikorrent dan kien spjegat b'mod car.

---

[1] Dok. D a fol. 13 sa 16
[2] Dok E a fol. 17

Illi ghalhekk, mill-atti jirrizulta illi meta r-rikorrent kiteb lill-Ministru intimat fid-9 ta’ Lulju 2015 huwa certament kien ircieva l-ittra ta’ rifjut tal-Kumissarju intimat u ghalhekk meta pprezenta l-appell tieghu quddiem dan it-Tribunal fl-20 ta’ Awissu 2015 kien certament oltre x-xahar kalendarju msemmi f’artikolu 11 (3) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-intimati ghandhom ragun fl-ewwel eccezzjoni sollevata minnhom.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet fuq esposti qieghed jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-intimati u jiddikjara illi l-appell odjern huwa null in kwantu gie pprezentat oltre t-terminu preskritt minn artikolu 11 (3) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghaldaqstant jastjeni milli jkompli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess appell.

Bl-ispejjez a karigu tar-rikorrent.

____________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta’ Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**